Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-8 ta' Mejju 2025**

**Kump Nru. 225/2018**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Kylie Borg)**

**Versus**

**Renald Baldacchino**
**(431079M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Renald Baldacchino**, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 431079M.

Akkużat talli nhar it-tletin (30) ta' Marżu tas-sena elfejn u tmintax (2018) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa u nofs u ħamsa (19:35) ta' filgħaxija ġewwa Triq il-Mejjilla ġo Ħal-Qormi:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Anthony Bugeja f'periklu ċar, ikkaguna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Bugeja, persuna li għalqet l-eta ta' sittin (6)) sena, hekk kif iċċertifikat Dr. C. Debattista Md;

2. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat, illum Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras LL.D, f'dan illi ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura voluntarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Renald Baldacchino u sabiex

tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €12,000.00 bħala garanzija personali u €8000.00 bħala depozitu jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza ngħatat mill-Maġistrat illum Imħallef Dott. A. Vella LL.D nhar it-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni (Kap 446, Art. 22) mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat llum Imħallef Dott. Grazio Mercieca LL.D nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

5. U aktar talli sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fl-20 t' Awwissu 2021, fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-Artikoli 214, 216, 218, 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 28A, 28B u 28F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Fl-Artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
(f) Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(g) Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħat lill-imputat fis-seduta ta' l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marżu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) jiddikjara li ma' kellux oggezzjoni sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Onorabbli Qorti bil-proċedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semgħat ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dan fi stadju ta' provi difiza, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li din l-Onorabbli Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li mhijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu, rreġistra ammissjoni volontarja u inkondizzjonat fl-istadju ta' provi difiża, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li din l-Onorabbli Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u ċioe' wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għall-akkużi kollha migjuba fil-konfront tiegħu, u wara li din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tiegħu, l-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi għalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa kien ġja ingħata diversi opportunitajiet mill-Qrati, jirriżulta wkoll li dawn l-inċidenti jirrisalu għal qabel is-sena elfejn u tmintax (2018), u ċioe għal

qabel ma' l-imputat beda' u ttermina b'suċċess il-perjodu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni tad-Droga.

Illi għalhekk u stante li jidher li llum il-ġurnata l-imputat ħareġ mill-vizzju tad-droga u miexi fit-triq it-tajba, hija il-fehma tal-Qorti li piena karċerarja ma' tkunx piena idonea f'dan il-każ, u li għal fini ta' pieni għandu jiġi applikat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-għan li l-imputat jkompli miexi fit-triq it-tajba, u jagħraf ma' jerggħax jirrepeti l-iżbalji li huwa kkommetta qabel.

**Decide**

Illi għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 17, 28A, 28B, 28F, 31, 49, 50, 214, 216, 218, 222A(2) u 579 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed ssib lill-imputat **Renald Baldacchino** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena (1) millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Renald Baldacchino** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

**Inoltre ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti qieghda torbot lill-imputat **Renald Baldacchino** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan sabiex ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill- *parte civile* **Anthony Bugeja.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sena (1) snin mill-lum.

In oltre il-Qorti ai termini ta' **l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, **qed tordna lill-hati Renald Baldacchino sabiex ihallas s-somma ta' mitejn tnejn u erbgħin Euro u ħamsin ċentezmu (€242.50)** rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti fil-kawza odjerna.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**